MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 1251/2009

**Glory Wealth Shipping Pte Ltd., socjeta` registrata Singapore, rapprezentata hawn Malta mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Peninsula Enterprise SpA, socjeta` taljana rapprezentata lokalment minn Edmond Mugliette (ID Numur 661762 M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Glorey Wealth Shipping Pte Limited datat 22 ta’ Dicembru 2009, hawn rapprezentata minn Dr. Louis Cassar Pullicino (ID Numru 441061 M) fil-kwalita` tieghu u bil-gurament jikkonferma: -

Illi s-socjeta` konvenuta hija proprjetarja tal-vapur m.v. AMELIA CACACE registrat hawn Malta u li ghandu numru tal-IMO 9472713.

Illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet premessi (Rikors Guramentat Numru 1029/08 JZM) fil-11 ta' Gunju 2009, gie ordnat u deciz illi ghal zmien sitt xhur mid-data tal-istess sentenza ma jsir ebda negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. Amelia Cacace numru tal-IMO 9472713 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitiwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" fir-rigward tal-istess bastiment.

Illi minn din is-sentenza ma sarx appell u kwindi s-sentenza ghaddiet in giudikat.

Illi kif jidher mid-digriet moghti minn din l-Onorabli Qorti tal-15 ta' Dicembru 2009, it-talba tas-socjeta` attrici sabiex tigi estiza l-ordni moghtija bis-sahha tal-precitata sentenza giet michuda minhabba l-fatt illi t-talba ma saritx entro t-terminu stabbilit fl-**artiklu 37 (8) tal-Kap. 234**.

Illi sallum l-pretensjonijiet tas-socjeta` attrici ghadhom mhux saldati u kwindi s-socjeta` attrici ghad ghandha interess li tigi kawtelata permezz ta' ordni mahruga *a tenur* tal-**artikolu 37 tal-Kap. 234**.

Illi in effetti minn mindu kienu gew intavolati l-proceduri li wasslu ghas-sentenza precitata, is-socjeta` attrici giet kanonizzata kreditur tas-socjeta` konvenuta fis-sommon ta' US$480,015.24 rapprezentanti kera ossia *unpaid hire* u dan permezz ta' lodo arbitrali tas-27 ta' Frar 2009 u US$3,794,505.00 bhala danni skont lodo arbitrali iehor tas-6 ta' Awwissu 2008, b'kollox ghalhekk US$4,274,520.24, salvi imghaxijiet u spejjez.

Illi kif gja gie ritenut fis-sentenza tal-11 ta' Gunju 2009 ta' din l-Onorabbli Qorti, il-pretensjonijiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta tirrigwarda ftehim dwar il-kiri ta' vapur permezz ta' *charter party* kif previst fl-**artikolu 742**

**B (i) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u azzjonabbli bhala azzjoni *in rem a tenur* tal-**artikolu 742 D tal-Kap 12** b'dan ghalhekk illi tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif mfisser fl-**artikolu 37 (10) (a) (iv) u /jew (v) tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta** u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha s-setgha li tipprojbixxi kull negozju dwar bastimenti jew sehem fih.

Illi sa fejn taf is-socjeta` attrici, l-assi tas-socjeta' konvenuta huwa l-vapur m.v. "Amelia Cacace" registrat hawn Malta u jekk is-socjeta` konvenuta tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, jew xi sehem tieghu, l-kreditu tas-socjeta' attrici jigi eluz.

Illi s-socjeta` attrici ghad ghandha interess illi l-pretensjonijiet taghha jigi kawtelati b'ordni moghtija *a tenur* tal-**artikolu 37 tal-Kap 234** sakemm dawn jigu pjenament saldati.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. **AMELIA CACACE,** numru tal-IMO 9472713 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidrilha xierqa u opportuni u skont l-**artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin *a tenur* tal-istess **artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta` intimata li naqset milli tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati u ghalhekk fil-kontumacja tas-socjeta` intimata tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet** tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat b' dan illi:-

1. Tordna li fi zmien sena mid-data ta' din is-sentenza ma jsir ebda negozju u huwa ipprojbit kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment m.v. **AMELIA CACACE,** numru tal-IMO 9472713 u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda "deletion certificate" u dan kollu skont dak li jipprovdi l-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta.**

2. Tordna li din l-ordni moghtija minn din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin *a tenur* tal-istess **artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------